# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru, 2016**

**Numru: 1**

**Rikors Numru: 38/15 LSO**

**Joseph De Conti Manduca, Mary Louise Manduca,**
**Therese Calleja, Jean De` Conti Manduca,**
**Marguerite De` Conti Manduca**
**f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' ħuha assenti**
**Louis Manning, Raymond De` Conti Manduca,**
**David De` Conti Manduca,**
**Helen Leone Ganado, Angele Vella u**
**Bernard De Conti Manduca [appellanti]**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Artijiet [appellati]**

1. Ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza tas-26 ta' Mejju, 2016 li biha l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet sabiex:

   i. Tiddikjara li kien hemm ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti skont l-Artikoli 6, 1 tal-Ewwel Protokoll u 13 tal-Konvenzjoni

Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni.

ii. Tagħti rimedju u jekk ikun il-każ tordna li l-appell li ppropona l-Kummissarju tal-Artijiet jiġi appuntat għas-smiegħ, trattat u deċiż fi żmien qasir.

iii. Tillikwida d-danni pekunjarji u non pekunjarji spettanti lill-esponenti minħabba din il-leżjoni u tikkundanna lill-intimati jħallus l-ammont hekk likwidat.

2. L-ilment tal-appellanti jirrelata għall-kawża **Joseph De Conti Manduca et vs Kummissarju tal-Artijiet** (Rikors 9/2011) deċiża mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet u li issa hu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Dawk il-proċeduri saru wara li l-appellanti ġew notifikati b'ittra uffiċjali *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) fir-rigward ta' artijiet li ġew espropprijati permezz ta' avviżi numru 304, 305, 309 u 310 pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Marzu 2010. F'dik il-kawża l-appellanti talbu lill-Bord sabiex jiffissa l-valur ġust tal-art espropprijata.

**<u>Sentenza tal-ewwel qorti.</u>**

L-ewwel qorti qalet li f'dan il-każ kien hemm biss il-possibilta' ta' leżjoni,

> *".....tenut kont il-waiting time medja ta' tlett snin u nofs ghall-ewwel smigh attwalment riskontrat f'appelli minn sentenzi tal-Bord tal-*

*Arbitragg dwar l-Artijiet. Effettivament jekk wiehed kellu jiehu d-data tas-sentenza tal-Bord bhala l-ewwel data (14 ta' Ottubru 2014) sallum, jirrizulta li ghaddew gja sena u seba' xhur minghajr l-appuntament ghall-ewwel smigh. It-tezi tar-rikorrenti tmur ben oltre, u wiehed jifhem li jipprospettaw* <u>*bhala probabilita'*</u> *li ser ikollhom jistennew il-perjodu shih ta' mill-inqas tlett snin u nofs.*

*"Izda fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, tali ragunar mhux permissibbli fil-parametri tal-artikoli 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni billi l-gurisprudenza u d-dottrina jistabbilixxu l-principju li l-proceduri iridu jigu mkejla fl-assjem taghhom. Kien ikun ben altru li kieku l-jedd ghas-smigh xieraq fi zmien ragjonevoli tar-rikorrenti gja gie lez fl-andament tal-proceduri quddiem il-Bord u f'tali sitwazzjoni, il-perjodu ulterjuri ta' stennija ghall-appell johloq aggravju tal-vjolazzjoni gja subita. Izda ma jistax jinghad li l-aggravju jezisti llum u dan unikament minhabba li ghadu ma ghaddiex zmien bizzejjed ghall-appuntament quddiem il-Qorti tal-Appell u huwa koncepibbli li l-kaz ma jdumx biex jigi appuntat kif mahsub mir-rikorrent".*

**<u>Aggravju tal-appellant u tweġiba tal-appellati</u>**.

3. L-aggravju hu li wara li saret il-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta skont il-Kapitolu 88, il-Gvern ħa l-pussess tal-art u fuqha bena *civic centre*, ghassa tal-pulizija u *playground* filwaqt li sal-lum l-appellanti għadhom ma tħallsux il-kumpens tal-art li ġiet espproprijata. L-appellanti isostnu li huwa nġust li skont il-liġi l-Gvern għandu jedd jieħu l-pussess tal-art fi zmien erbatax-il jum mill-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali, filwaqt li l-appellanti s'issa stennew iktar minn elfejn u mitejn (2,200) ġurnata. Filwaqt li l-Istat irid jistenna biss erbatax-il jum sabiex jieħu l-pussess tal-art minn meta tiġi ppubblikata d-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, sid irid jistenna dan iż-żmien kollu biex jirċievi kumpens. L-Istat għandu l-obbligu li jindirizza

l-problemi fil-qasam tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, b'mod konkret. F'dan il-każ il-leżjoni diġa seħħet billi l-Gvern ħa l-pussess tal-art u fl-istess waqt itenni li l-imgħax fuq l-ammont dovut ma jkunx dovut minn meta l-art issir il-proprjeta assoluta tal-Gvern (artikolu 22(8) tal-Kap. 88).

4. L-appellati wieġbu (fol. 420):

i. L-allegat dewmien sabiex jiġi appuntat l-appell, ma jwassal għal ebda ksur ta' jeddijiet fundamentali.
ii. Il-Gvern introduċa diversi miżuri sabiex inaqqas id-dewmien fil-qrati.
iii. Sal-lum il-possibilta' ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellanti, hi biss ipotetika.

**Fatti.**

5. Il-fatti prinċipali ġew elenkati fis-sentenza tal-ewwel qorti (fol. 23-24):

*"Ir-rikorrenti huma proprjetarji ta' terz (1/3) indiviz ta' diversi porzjonijiet art sitwati fis-Swieqi, liema artijiet huma elenkati fir-rikors promotur.*[1] *Billi t-talbiet huma primarjament akkampati fuq dewmien fil-proceduri, ser issir harsa lejn il-kronologija tal-kaz:-*

*- **29 ta' Marzu 2010** - Pubblikazzjoni ta' erba' Avvizi fil-Gazzetta tal-Gvern*[2] *ta' esproprju tal-art in mertu.*[3]

*- **13 ta' April 2011** - Ittra ufficjali ai fini tal-artikolu 22 tal-Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta*[4] *- avviz ta' xiri b'titolu assolut.*

---

[1] *"Riferibbilment ghall-porzjoni indikata taht il-paragrafu (a) (Plot 1) hu pacifiku li din giet rilaxxjata favur is-sidien u ghalhekk ma tifformax aktar parti mill-mertu ta' dawn il-proceduri.*
[2] *Avvizi numri 304,305, 309 u 310.*
[3] *Kopji tal-Avvizi gew esebiti minn **Marisa Grech** b'affidavit u mmarkati **Dokti. MG1,MG2,MG3,MG4,MG5,MG6 u MG7** (billi kien hemm htiega ta' korrezzjoni) a fol 222-239 tal-process.*

- ***3 ta' Mejju** 2011 - Rikorsipprezentat mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet b'kontestazzjoni tal-kumpens offrut mill-Kummissarju.*

- ***13 ta' Gunju 2012** - ir-rikorrenti ghalqu l-provi.*

- ***31 ta' Ottubru 2012** - il-Kummissarju ghalaq il-provi.*

- ***6 ta' Gunju 2013** - gie pprezentat ir-rapport tekniku tal-Periti membri tal-Bord.*

- *Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Ottubru 2013. Kien hemm erba' differimenti sakemm inghatat is-sentenza.*

- ***22 ta' Ottubru 2014** - Sentenza tal-Bord*

- ***6 ta' Novembru 2014** - Appell mill-Kummissarju tal-Artijiet ghall-Qorti tal-Appell*[5]

- ***28 ta' Novembru 2014** - ir-rikorrenti pprezentaw ir-risposta taghhom ghar-rikors tal-Appell.*

- ***28 ta' Novembru 2014** - kontestwalment mar-risposta taghhom ir-rikorrenti talbu lil-On.Qorti tal-Appell sabiex l-appell in kwistjoni jinstema' malajr.*

- ***19 ta' Dicembru 2014** - Risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet fejn ma opponiex.*

- ***23 ta' Jannar 2015** - Digriet tal-Qorti tal-Appell li ddecidiet li l-Appell in kwistjoni jigi appuntat ghas-smigh meta jmissu it-turn tieghu.*

- ***13 ta' Mejju 2015** - gie pprezentat r-rikors kostituzzjonali odjern".*

Jirriżulta li sal-lum l-appell għadu ma ġiex appuntat għas-smigħ.

---

[4] *Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet ghal Skopijiet Pubblici".*

[5] Il-Kummissarju tal-Artijiet appella għaliex qiegħed isostni li l-art kellha tiġi stmata bħala art li fuqha kellha ssir triq biswit public open space, skond kif dikjarat fin-North Harbour Local Plan u mhux ta' art li fuqha sar *Civic Centre* u *Recreation Area*. F'dan ir-rigward l-Kummissarju tal-Artijiet ibbaża l-argument tiegħu fuq dak li jiddisponi l-Artikolu 27 tal-Kap. 88.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

6. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet li:

> *"Illi fil-kaz odjern, filwaqt li l-proceduri quddiem il-Bord jinsabu maghluqa, dawk quddiem il-Qorti tal-Appell għadhom ma gewx appuntati ghas-smigh ghalkemm il-proceduri bil-miktub huma konkluzi.*
>
> *Illi ghalhekk il-Qorti qegħda tifhem l-ilment tar-rikorrenti f'din il-kawża huwa msejjes **fuq id-dewmien fl-għoti tal-ewwel appuntament tas-smigh fl-appell** mis-sentenza mogħtija f'dik il-kawża mill-Bord tal-Arbitraġġ u mhux dwar xi aspett fil-meritu tal-istess"*.

Din il-qorti ma taqbilx ma' dik il-posizzjoni li ħadet l-ewwel qorti. L-ilment tar-rikorrenti, kif spjegat fir-rikors promotur, mhuwiex limitat għal dewmien fl-għoti tal-ewwel appuntament tas-smigh fl-appell, iżda **<u>dewmien tul il-proċess kollu</u>**. Dan jirriżulta b'mod ċar mill-premessi tar-rikors promotur, fejn l-appellanti ppremettew:

> *"15. Illi għalhekk huwa evidenti illi r-rimedju tal-Qorti tal-Appell se jdum u jekk jistennew it-turn tagħhom għandhom madwar erba' snin jistennew u għalhekk m'huwiex rimedju xieraq u effettiv, anki meta wieħed jikkunsidra li l-kawżi jdumu madwar tliet snin jew fuqhom biex jiġu appuntati għas-smiegħ.*
>
> *16. Illi apparti dan il-proċess ta' esproprju beda fl-2011 u ftit wara l-Gvern ħa pussess tal-proprjeta' u sal-lum il-proċess għall-ħlas tal-kumpens lill-esponenti għadu ma ġiex kompletat.*
>
> *17. L-Artikolu 6 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jistipula li 'kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli.' Illi l-esponenti jissottomettu illi d-drittijiet tagħhom taħt dan l-Artikolu tal-Konvenzjoni msemmija ġew u jkomplu jiġu leżi minħabba t-tul tal-proċedimenti, liema tul ma jiddependix minnhom....*

*21. Illi f'dan is-sens l-esponenti jissottomettu li l-każ tagħhom mhuwiex wieħed kumplikat; illi huma m'għamlu xejn ta detriment fl-andament tal-proċess ġudizzjarju; illi l-oġġett in kwistjoni, kif ġia sottomess, huwa ta' importanza kbira għall-esponenti għar-raġunijiet spjegati aktar 'il fuq; l-uniku fatt li jippreġudika d-drittijiet tal-esponenti taħt il-Konvenzjoni u anki taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta* ***huwa t-tul tal-proċeduri kemm quddiem il-Bord u issa iktar u iktar quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell b'riżultat tal-appell istitwiti mill-Kummissarju tal-Artijiet"***.

7. Kif qalet din il-qorti fis-sentenza **Joseph Gatt et vs Avukat Generali** tat-28 ta' Frar, 2014:

*"Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide Frydlender v. France GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII)".*

8. L-eżercizzju li kellu jsir fil-kawża 9/2011 fl-ismijiet **Joseph Dei Conti Manduca vs il-Kummissarju tal-Artijiet** quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, kien li jigi determinat il-valur ġust tal-art espproprijata sabiex b'hekk is-sidien jitħallsu kumpens tal-esproprju. Dan ġialadarba s-sidien m'aċċettawx il-kumpens li offra l-Gvern. Wara li l-qorti qrat l-atti ta' dawk il-proċeduri, taqbel mal-ewwel qorti li l-każ ma jippreżentax xi kumplessita' fattwali jew legali.

9. ‘Il fatt li sal-lum il-proċeduri għadhom pendenti ma jipprekludix li jsir ilment ta’ vjolazzjoni ta’ drittijiet fundamentali, b’mod partikolari dak ta’ smigh xieraq.

10. Mill-provi li tressqu, jirriżulta li:-

i. Il-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet damu kważi wieħed u erbgħin (41) xahar biex jiġu magħluqa bis-sentenza li ngħatat fit-22 ta’ Ottubru, 2014. Jirriżulta li fis-seduta tal-24 ta’ Ġunju 2011, il-Bord iddiferixxa l-kawża ghal 24 ta’ Novembru 2011 u ta l-fakulta lir-rikorrenti sabiex jippreżentaw xhieda b’affidavit. Fil-mori ta’ dak id-differiment l-appellanti ma ppreżentawx affidavits, għalkemm jirriżulta li kien sar aċċess mill-membri tekniċi nominati mill-Bord (fol. 98). Imbagħad fis-seduta tal-24 ta’ Novembru 2011 ma nstemgħux xhieda u l-kawża tħalliet għas-seduta tal-1 ta’ Frar 2012, li fiha nstemgħu xhieda li ħarrku l-appellanti. Fis-seduta tal-21 ta’ Marzu 2012 ma sarx progress fil-ġbir tal-provi billi l-appellanti ma ressqux provi, u l-kawża tħalliet għas-seduta tat-23 ta’ Mejju 2012 li fiha reġgħu ma nstemgħux provi. Għal dakinhar l-appellanti ħarrku uffiċjal tal-MEPA sabiex jixhed, pero mill-atti jirriżulta li ma kienx irċieva t-taħrika ta’ xhud. Nuqqas li l-appellanti huma responsabbli għalih. Kien fis-seduta tat-13 ta’ Ġunju 2012 li nstema’ l-aħħar xhud tal-appellanti. Pero’ l-fatt li l-appellanti setgħu ressqu l-provi f’iqsar żmien ma kien ser ikollu l-ebda effett fid-dewmien tal-kawża quddiem il-Bord, u dan għaliex fis-seduta tal-24 ta’ Ġunju 2011 il-Bord ħatar żewg periti biex jassistuh u fis-seduta tal-21 ta’ Novembru 2012 ippreżentaw ir-rapport.

Għalhekk meta l-periti tekniċi ppreżentaw ir-rapport, il-provi tal-appellanti kienu diġa magħluqa. Jirriżulta wkoll li fis-seduta tal-10 ta' April, 2013 il-kawża kienet differita għas-sentenza ghas-seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013 u kien biss fit-22 ta' Ottubru, 2014 li l-Bord ta s-sentenza. Kif sewwa ntqal fis-sentenza **Azzopardi vs Malta** (28177/12) tas-6 ta' Novembru mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 2014:*"...... the judicial authorities remain ultimately responsible for the conduct of proceedings before them and ought to weigh up the advantages of continued adjournments against the requirement of promptness (see, mutatis mutandis, Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, cited above, § 43)".*

ii. Mid-data li l-Kummissarju tal-Artijiet appella mis-sentenza tal-Bord (6 ta' Novembru, 2014) sakemm ingħatat is-sentenza mill-Prim'Awla fis-26 ta' Mejju 2016, għaddew ftit iktar minn sena u nofs. Illum għaddew iktar minn sentejn, u jirriżulta li s'issa l-appell għadu mhuwiex appuntat għas-smiegħ.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti tikkonkludi li d-dewmien tal-proċeduri quddiem il-Bord mhuwiex attribwibbli lill-appellanti. Dewmien il rriżulta minħabba:

i. It-tul tad-differimenti minn seduta għall-oħra;
ii. Iż-żmien li ħadu l-membri tekniċi tal-Bord sakemm ippreżentaw ir-rapport;
iii. Iż-żmien li għadda bejn meta ngħalqu l-provi u l-kawża ġiet differita għas-sentenza u meta effettivament ingħatat is-sentenza.

Fir-rigward tal-proċeduri fl-istadju ta' appell, hu evidenti li d-dewmien hu minħabba l-volum mhux żgħir ta' appelli li ġew preżentati qabel dak tal-appellanti u li għad iridu jiġu appuntati għas-smigħ.

11. F'dan il-każ l-esproprijazzjoni saret b'xiri assolut. Skond l-Artikolu 22(8) tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88), mal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni Presidenzjali l-art issir proprjeta assoluta tal-Gvern mingħajr ħtieġa ta' formalita' oħra ssir proprjeta tal-Gvern. L-Artikolu 12(3) jikkontempla l-ħlas ta' mgħax bir-rata ta' 5% fis-sena, kalkolat skont il-*formula* li hemm Skeda 2[6]. F'dan il-każ ma jidhirx li skont Skeda 2 tal-Kap. 88 l-appellanti ser ikunu ntitolati li jirċievu mgħax b'dik ir-rata fir-rigward tas-somma li għad iridu jirċievu bħala kumpens għall-esproprijazzjoni, ġialadarba hu evidenti li skont il-*formula* l-imgħax b'dik ir-rata jitħallas sad-data tal-akkwist assolut tal-proprjeta'. Fil-każ in eżami l-akkwist favur il-Gvern diġa seħħ. Għalhekk il-qorti tifhem u tapprezza l-urġenza li l-appellanti għandhom sabiex tingħata sentenza finali fl-iqsar żmien possibbli. Dan apparti wkoll li jidher li l-art ilha s-snin li ġiet żviluppata u s-sit qiegħed jintuża mill-awtoritajiet. Madankollu, il-qorti tosserva li fir-rigward tal-kumpens li offra l-Gvern, l-Artikolu 22(5) tal-Kap. 88 jipprovdi li s-sidien jistgħu jiżbankaw dik is-somma li suppost ġiet depożitati mill-Gvern skont l-Artikolu 22(3). L-iżbank ma jippreġudika lis-sid fil-jedd tiegħu li jipproċedi skont il-liġi

[6] Fis-sentenza tal-Bord ingħad li flimkien mal-kumpens għandu jitħallas l-imgħax skond l-Artikolu 12(3) tal-Kap. 88.

biex, *“.... jiġi stabbilit kull kumpens ieħor li jista’ jiġi mħallas lilha skont din l-Ordinanza”* (Artikolu 22(5) tal-Kap. 88). Mela fir-rigward tal-kumpens li offra u ddepożita l-Gvern skont l-Artikolu 22(3), is-sid m’hemmx għalfejn jistenna l-konklużjoni tal-proċeduri li jkun ippropona quddiem il-Bord qabel jiżbanka d-depożitu. Hu biss fir-rigward tad-differenza bejn il-kumpens li jkun offra l-Gvern u kwalsiasi somma ogħla li tiġi likwidata fil-proċeduri ġudizzjarji, li s-sidien jista’ jkollhom raġun jilmentaw. F’dan il-każ is-somma li llikwida l-Bord hi ogħla mill-kumpens li offra l-Gvern. Pero’ din il-materja għadha *sub judice* u għalhekk s’issa m’huwiex possibbli li jiġu likwidati danni li potenzjalment jistgħu jsofru l-appellanti minħabba d-dewmien fil-proċeduri. Dan peress li m’huwiex magħruf x’ser ikun l-eżitu tal-appell li ppropona l-Kummissarju tal-Artijiet mis-sentenza tal-Bord. F’dan ir-rigward żgur li t-talba għal ħlas ta’ danni pekunjarji hi prematura u għalhekk barra minn lokha.

12. Billi l-ewwel qorti fehmet li l-ilment tal-appellanti kien relatat mad-dewmien tal-proceduri fl-istadju tal-appell, ikkonkludiet li l-każ li kellha quddiemha kien wieħed ta’, *“.... possibilta’ ta’ leżjoni tenut kont il-waiting time medja ta’ tlett snin u nofs ghall-ewwel smigħ attwalment riskontrat f’appelli minn sentenzi tal-Bord tal-Arbtiraġġ dwar l-Artijiet”*. Pero’ kif rajna, il-pretensjoni tal-appellanti hi bażata fuq dewmien fil-proċess kollu, li jinkludu wkoll l-istadju meta l-proċeduri kienu quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet.

13. Il-fehma ta' din il-qorti hi li perjodu ta' iktar minn hames (5) snin u s'issa għadu ma giex determinat il-kumpens li l-appellanti għandhom jedd għalih, jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju *'reasonable time'*, garantit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

14. Filwaqt li hu minnu li fil-qasam tal-ġustizzja ġew introdotti diversi miżuri sabiex jonqos id-dewmien u tiżdied l-effiċjenza, hu evidenti li għad hemm ħafna xi jsir meta tqies il-volum ta' appelli pendenti fil-Qorti tal-Appell. Hu per eżempju ovvju li biż-żieda ta' ġudikanti li jippresjedu qrati ta' l-ewwel istanza, żdied l-ammont ta' sentenzi. Min-naħa l-oħra fil-Qorti tal-Appell s'issa għad hemm biss żewġ sezzjonijiet li quddiemhom jiġu trattati u deċiżi l-maġġoranza tal-appelli, u hu evidenti li bin-numru ta' appelli li hemm pendenti u ż-żmien li jrid igħaddi sakemm appell jiġi appuntat għas-smigh u tingħata s-sentenza finali (ara deposizzjoni tar-Registratur), hemm il-ħtieġa li jinsab rimedju. Hu d-dmir tal-Istat li jorganizza s-sistema legali b'tali mod li l-Qrati jitpoġġew f'posizzjoni fejn jistgħu jiggarantixxu d-dritt ta' kull ħadd li jottjeni deċiżjoni finali fi żmien raġonevoli (ara per eżempju **Scordino v. Italy (no. 1)**, para. 183). 'Il fatt li l-qrati jkollhom *workload eċċessiva*, lanqas ma teżonera lill-Istat mir-responsabbilta' (ara **Vocaturo v. Italy**, para 17 u **Cappello v. Italy**, para 17).

15. Għal dak li hu rimedju, il-qorti mhijiex tal-fehma li għandha tordna lill-Qorti tal-Appell li tappunta l-appell għas-smigħ. Hu veru li fis-sentenza Scordino v. Italy (no. 1) il-Grand Chamber qalet, *"183.......Where the judicial system is deficient in this respect, a remedy designed to expedite the proceedings in order to prevent them from becoming excessively lengthy is the most effective solution. Such a remedy offers an undeniable advantage over a remedy affording only compensation since it also prevents a finding of successive violations in respect of the same set of proceedings and does not merely repair the breach a posteriori, as does a compensatory remedy of the type provided for under Italian law for example".* Pero' jekk il-Qorti kellha tagħti ordni simili tkun qegħda taghti preferenza lill-każ tal-appellanti, meta mix-xhieda tar-Reġistratur hu evidenti li hemm ħafna appelli oħra preżentati qabel l-appell numru 9/2011, u li għadhom jistennew biex jiġu appuntati għas-smigħ. L-appellanti ppreżentaw rikors quddiem il-Qorti tal-Appell fejn talbu sabiex l-appell jiġi appuntat għas-smigh, li pero' ma ntlaqax. Il-qorti ma tqiesx li jkun ġust li l-appellanti jingħataw preferenza fuq ħaddieħor li ilu jistenna ferm iktar minnhom sabiex l-appell li fih huma parti, jiġi appuntat. Fiċ-ċirkostanzi r-rimedju li ser tagħti l-qorti hu kumpens monetarju għal-leżjoni.

**Għal dawn il-motivi:-**

**1. Tilqa' l-appell u tħassar is-sentenza tal-Prim'Awla, Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-26 ta' Mejju, 2016.**

**2. Tiddikjara li fil-kawza Joseph de Conti Manduca et vs Kummissarju tal-Artijiet (Rikors numru: 9/2011) ġie u għadu qiegħed jigi leż id-dritt fundamentali tal-appellanti li jkollhom smigħ xieraq f'terminu raġonevoli (Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni).**

**3. Tiċħad dik il-parti tat-tieni talba fejn l-appellanti talbu li din il-qorti tiffissa żmien qasir u perentorju li fih għandu jiġi appuntat għas-smigħ l-appell.**

**4. Tikkundanna lill-appellat Avukat Ġenerali sabiex iħallas lill-appellanti s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) bħala danni mhux pekunjarji. Għal dak li jirrigwarda d-danni pekunjarji, tiddikjara li t-talba hi intempestiva.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellati**.

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Aġent President | Joseph Azzopardi<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df